**317. Il-Vici Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi jipproponi:**

Il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Wara li kkunsidrat li fit-13 tas Novembru 1990 Malta ffirmat il-Ftehim mal-Agenzija Internazzjonali dwar 1-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x' jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nuklejari;

Wara li kkunsidrat li meta ffirmat il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Malta u 1-Aġenzija Internazzjonali dwar 1-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x' jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nuklejari, Malta tingħaqad mas-seba' u sittin pajjiż iehor li diga ffirmaw dan il-Protkoll Addizzjonali u għalhekk tibda tagħmel parti mill-pożizzjoni espressa mill-komunità internazzjonali dwar in-non-proliferazzjoni tal-armi nuklejari;

Wara li kkunsidrat is-sub-sezzjonijiet (1) (c) u (2) (b) tas-Sezzjoni 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kapitlu 304) u s-Sezzjoni 3 (2) ta' National Interest (Enabling Powers) Act, (Kapitlu 365);

Tirrisolvi li tawtorizza 1-Gvern biex jirratifika il-Protokoll Addizzjonali ghall-Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Malta u 1-Aġenzija Internazzjonali dwar 1-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x' jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nuklejari.

17.02.2002